TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 201/17-F

**Keith Darmanin**

**vs**

**Tal-Lira Limited**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Novembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75), rappreżentanti prezz ta' siġġu li hekk kif fetaħ is-siġġu mill-packing, irriżulta li s-siġġu kellu tiċrita.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara siġġu mingħand id-ditta ntimata, li kien ippakjat u li meta fetħu mill-kaxxa, nduna li kellu tiċrita.

L-intimat issottometta illi t-tiċrita kienet eżatt fejn ir-rikorrenti uża xafra biex jiftaħ il-kaxxa, u li t-tiċrita tidher li ġejja minn xafra.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li ra r-ritratti, jinnota illi l-verżjoni tal-intimat hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**